TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

58

Avviz Numru CCT 14/14/GB

**Elaine Frendo**

**vs**

**Matthiola Salon**

Illum 26 ta' Marzu 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-21 ta' Jannar, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn Ewro (€200.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal kors ta' 'slimming treatment', li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema kors ir-rikorrenti ma kienitx sodisfatta bih.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet staqsiet is-socjeta' ntimata direttament il-perjodu ta' żmien tal-kors ta' 'slimming treatment' li kien qed jiġi rreklamat ghall-prezz ta' mija hamsa u ghoxrin Ewro (€125.00). Giet informata illi kull 'session' kien ta' siegha. Illi ghalhekk, dik il-gurnata stess hija xtrat 'package' u jumejn wara xtrat ' package' iehor ghall-istess prezz, ghaliex hasbet illi kien prezz tajjeb.

L-ewwel darba li r-rikorrenti marret ghand is-socjeta' ntimata, ghall-ewwel trattament, hija kienet liebsa flip flops u t-terapista staqsietha jekk kienitx ġabet iz-zarbun tat-training, fejn ir-rikorrenti kienet wieġbet illi hadd ma kien informaha sabiex tiehu z-zarbun tat-training maghha. It-terapista informatha wkoll illi s-'session' kien jinkludi hamsa u ghoxrin minuta fuq il-magna u hamsa u ghoxrin minuta fuq l-'airwalker'. Ir-rikorrenti ma kienitx sodisfatta bl-

'airwalker' ghaliex kienet magna simili ghal wahda li jkollok id-dar u mhux wahda professjonali. Allavolja ma kienitx kuntenta, ir-rikorrenti ddecidiet illi tmur ghat-tieni session, *fejn it-trattament kien eżattament* l-istess, *pero' hija qatt ma kienet ġiet informata illi t-*trattament kien jinkludi l-ezercizzju.

Ir-rikorrenti kienet talbet rifużjoni, u wara hafna battibekki, is-socjeta' ntimata kienet offretilha voucher ta' mitejn Ewro (€200.00) ghal trattamenti fl-istess salon, liema voucher ir-rikorrenti *ma rieditux.*

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn hija kompliet tistqarr illi l-voucher fl-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) *ircevietu permezz ta' email u kkonfermat illi hija qatt ma wzatu.*

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-riklam a bazi ta' liema hija kienet hallset ghas-servizz in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok.EF1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset fis-servizz taghha lejn ir-rikorrenti konsumatur, billi ma nformatx lir-rikorrenti b'dak illi s-'slimming treatment' kien fil-verita' jinkorpora. Illi nonostante l-fatt illi s-socjeta' ntimata baghtet voucher lir-rikorrenti, dan il-voucher qatt ma ntuża mir-rikorrenti u lanqas jista' jinghad illi tali voucher gie aċċettat mill-istess, stante illi tali voucher intbaghat lilha permezz ta' email, liema voucher ghalhekk qatt ma seta' ntbaghat lura. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata tikkancella l-voucher ta' mitejn Ewro (€200.00) u minnflok thallas l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**